# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**Digriet mogħti kameralment illum 30 t'April 2019**

**Rikors Nru 302/2019GM**

Fl-atti tal-kawża 291/19GM fl-ismijiet Corinne Gauci etentriċi tal-karta tal-identita' numru 191400L u Kenneth Gauci detentur tal-karta tal-identita' numru 242571M għan-nom u in rappresentanza ta' bintu l-minuri Nichole Gauci wara l-Mandat ta' Sekwestru numru 353/2019

-vs-

Pietro Seminara (K.I. 63810A)

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippreżentat minn Piero Saminara fil-21 ta' Marzu 2019 li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab ir-revoka tal-

mandat ta’ sekwestru kawtelatorju 353/2019 kif ukoll li jinstama’ bl-urġenza skont id-dispost tal-Art. 836(4) tal-Kap 12;

Rat il-mandat ta’ sekwestru *de quo* li nħareġ għas-somma ta’ €107,000 konsistenti fi €30,000 għal żewġ legati ta’ €15,000 il-wieħed imħollija lis-sekwestranti bit-testment t’ommhom kif ukoll €77,000 sehem riżervat ikkalkolat fuq terz tal-valur ta’ nofs indiviż tad-dar *Fairy Bluebird,* Triq il-Gellewża Sewda, Attard li s-sekwestranti stess jiddikjaraw li għandha valur ta’ €700,000;

Ikkunsidrat:

Illi ir-rikorrent ma weriex x’urġenza partikolari hemm biex jinstama’ dan ir-rikors u fi kwalunkwe każ din il-Qorti ottemperat ruħha mar-rekwiżiti tal-Art. 836(4);

Illi l-ewwel raġuni li jġib ir-rikorrent hi li t-testment imsemmi ma ġiex esibit. It-testment iżda jinstab esibit fil-kawża numru 291/19 li fl-atti tagħha qiegħed jinstama’ dan ir-rikors u għalhekk din ir-raġuni qiegħdha tiġi skarata;

Illi t-tieni raġuni hija li l-ammont huwa eċċessiv għaliex il-mandat il-mandat iżid l-ammont tal-legati mas-sehem indiviż, minflok jinkorporaho fih. Mingħajr ma l-Qorti tesprimi ruħha definittivament, din ir-raġuni tidher *prima facie* valida;

Illi t-tielet raġuni hi li hemm garanzija xierqa oħra, konsistenti f’nofs indiviż tad-dar indikata fil-mandat ta’ sekwestru, li r-rikorrent wiret mingħand omm is-sekestranti. Issa jirriżulta li d-dar tiswa €700,000;

sehem l-intimat jiswa €350,000 filwaqt li s-sehem riżervat kif ikkalkolat fil-mandat huwa ta' €77,000. Is-sekwestranti jilqgħu għal dan b'għadd ta' raġunijiet. Fil-qosor, dawn huma li:

(i) hemm kreditu mal-HSBC. Ma jgħidux kemm hu l-bilanċ ta' dan il-kreditu iżda jesebixxu nota ta' privileġġ u ipoteka għas-somma ta' €45,000.

(ii) id-dar kienet tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti bejn omm u missier is-sekwestranti. Seminara wiret in-nofs li kien jappartjeni lil ommhom. B'danakollu, missierhom fetaħ kawża li permezz tagħha qiegħed jitlob id-dekadenza tas-sehem ta' martu mill-komunjoni tal-akkwisti abbażi tal-Art. 48 tal-Kodiċi Ċivili.

(iii) flus likwidi huma garanzija aħjar minn nofs indiviż ta' proprjeta` immobiljari li tista' ma ġġibx il-prezz tas-suq jekk tinbiegħ b'subbasta;

Ikkunsidrat:

Illi s-sekwestranti ma taw l-ebda ħjiel ta' x'inhu l-ammont li missierhom – rappreżentant ta' waħda minnhom fl-atti tal-kawża, u tal-mandat, billi hija minorenni – qiegħed jippretendi li ġie dekadut minn martu;

Illi jekk mill-valur ta' €350,000 jitnaqqas nofs id-dejn almenu kif iddikjarat fin-nota ta' ipoteka u privileġġ, jifdal €372,150. Dan il-valur huwa ferm ogħla mis-€77,000 pretiżi mis-sekwestranti u għandu, prima facie, jagħmel tajjeb kemm għal eventwali bejgħ bi prezz baxx bil-liċitazzjoni kif ukoll għal eventwali rebħ tal-pretenzjonijiet imsemmija ta' missier is-sekwestranti;

Illi fl-aħħarnett is-sekwestranti jallegaw li ħallew barra mill-ammont kawtelat diversi ammonti oħrajn mill-assi tal-omm, biex ikunu konservattivi fl-ammont sekestrat. Il-Qorti tapprezza l-animu tagħhom, iżda hi ma tistax tieħu konjizzjoni ta' assi li ma ġewx iddikjarati fil-mandat ta' sekwestru;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħdha tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru numru 353/2019 abbażi tal-Art. 836(1)(ċ) u (d) tal-Kap 12.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA